BIRGU
Citta` Vittoriosa

# Kunsill Lokali Birgu

**Head Office** – Auberge de France, Triq Hilda Tabone, Birgu BRG 1253 Tel : 21662166
e.mail : **birgu.lc@gov.mt** website : **www.birgu.gov.mt**

---

## Minuti tal-laqgħa 34 (06)

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu ltaqa' għal laqgħa numru 34 (06) nhar it-Tlieta, 24 ta' Gunju, 2014 fil-4.30 (fl-erbgha u nofs) ta' wara nofsinhar fl-Ufficini Amministrattivi tal-Kunsill fil-Berġa ta' Franza.

L-Erbgha u Tletin (34) Laqgha tas-Sitt Kunsill inzammet b'din l-Agenda:-

1. Qari u Approvazzjoni tal-minuti
2. Korrispondenza
3. Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji
4. Informazzjoni dwar il-Konferenzi u l-progetti tal-Unjoni Ewropeja li l-Kunsill attenda ghalihom f'dawn l-ahhar gimghat.
5. Taghrif dwar l-installazzjoni tal-platform lift mal-Knisja ta' San Lawrenz
6. Il-progett ta' 'Immodernizzar tal-Klabb tar-Regatta'
7. Taghrif dwar il-Kwistjoni relatata mal-garaxx tal-Kunsill
8. It-Trasferiment tal-Ufficcju tas-Segretarju Ezekuttiv u l-Berga tal-Gvern
9. Taghrif dwar ix-xoghlijiet ta' restorazzjoni ta' Triq Desain u Triq il-Kardinal
10. Birgufest 2014
11. Approvazzjoni tal-kwotazzjoni tax-xoghlijiet fil-Front Office
12. Hwejjeg Ohra

### Prezenti

Is-Sindku s-Sur John Boxall, il-Vici Sindku is-Sur Trevor Mizzi, il-Kunsilliera s-Sur Anton Gellel, u is-Sur Lawrence Attard .

Il-Kunsillier Alan Cassar attenda iktar tard matul il-laqgha.

Is-Sinjorina Fiona Said, Segretarju Ezekuttiv.

## Talba

Is-Sindku s-Sur John Boxall qal it-talba u ta bidu għal-laqgħa.

## Bidu tal-Laqgha

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

1.1 Is-Sindku is-Sur John Boxall ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill ghall-approvazzjoni, il-minuti tal-Laqgha Numru 33(06).

1.1.1 Is-Sindku s-Sur John Boxall spjega li nholqot sitwazzjoni fejn kunsillier ma' setghax jattendi ghall-Konferenza tar-RETE minhabba cirkostanzi personali. Kawza ta' dan, il-Kunsill kien wehel ammont ta' flus extra minhabba li l-passag kien lehaq inqata u ma setghax jigi kancellat. Is-Sindku sostna li biex ma jkunx hemm sitwazzjonijiet simili, kull kunsillier, li wara li jkun approvat u huwa jikkonferma u jinqata l-biljett, dak il-kunsillier ikun responsabbli u jekk ma jkunx jista jattendi ghandu jirrifondi lura l-ispejjez tal-biljett sakemm ma jkunx hemm ragunijiet validi. Is-Sindku kompla billi informa lill-Kunsill li ghal din il-konferenza, f'l-assenza ta' l-istess kunsillier, kien ghazel li jiehu lis-Sinjura Anne Gulic.

1.1.2 Is-Sindku s-Sur John Boxall ikkonferma li rigward il-progett tal-bandli, il-Kunsill ghandu jkompli dejjem jinsisti biex dan il-progett xi darba jsir.

**F'dan l-istadju tal-Laqgha attenda l-Kunsillier is-Sur Alan Cassar.**

1.1.3 Is-Sindku s-Sur John Boxall informa l-Kunsill li l-haddiema assenjati mal-Kunsill mill-Facilita Korrettiva ta' Kordin, bdew jahdmu mal-Kunsill u qed joffru servizz tajjeb. Izda minhabba s-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill, il-Kunsill mhuwiex f'pozizzjoni li jaghti ammont ta' flus sabiex jintefqu f'ikel ghall-dawn il-haddiema. Huwa spjega li dawn il-haddiema ikollhom ikel provdut lilhom mil-Facilita ta' Kordin. Il-Kunsill qabel unanimament ma dak issuggerit.

1.1.4 Rigward Jum il-Birgu, il-Vici Sindku s-Sur Trevor Mizzi ppropona li jsir short movie, bit-tema ta' esperjenzi ta' nies tal-lokal li ghexu fi zminijiet tal-Gwerra Dinjija. Il-Kunsillier Alan Cassar ippropona li tintbaghat mail shot fejn in-nies joffru l-materjal li ghandhom. Is-Sur Anton Gellel issugerixxa ukoll li jistghu jigu printjati ritratti ta' nies prominenti fuq il-canvas u dawn jitwahhlu f'wija fil-pjazza. Is-Sindku s-Sur John Boxall talab lill-Vici Sindku s-Sur Trevor Mizzi u lill-kunsillier Alan Cassar sabiex jiehdu f'idejhom il-produzzjoni tax-short film. Filwaqt li l-Kunsillier is-Sur Lawrence Attard, ghandu jipprepara

attivita ghall-anzjani f'Jum il-Birgu. Is-Sur John Boxall qal lill-Kunsillier is-Sur Anton Gellel biex jiehu hsieb l-organizzazjonijiet fil-Knisja u c-Cerimonja. Is-Sindku s-Sur John Boxall ippropona ukoll li is-Sibt ikun hemm prezenti il-karozza 'Little Fun Bus' bhala attivita ghat-tfal, filwaqt li l-Hadd ghandu jkun hemm il-partecipazzjoni tal-Banda tal-Pulizija. Is-Sindku s-Sur John Boxall ippropona li l-ispiza ghal din l-attivita ma teccediex is-somma ta' €6000. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

1.2 Is-Sindku s-Sur John Boxall ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti tal- Laqgha Numru 33 (6). Il-Kunsill approva unanimament.

2. Korrispondenza

2.1 Is-Sindku s-Sur John Boxall pprezenta tliet kwotazzjonijiet ghall-xoghlijiet bil-gypsum boards fl-ufficini t'isfel tal-Kunsill fil-Berga ta' Franza. Is-Sindku s-Sur John Boxall informa lill-Kunsill li dawn ix-xoghlijiet ser isiru f'Lulju u ghaldaqstant l-ufficju ser jigi trasferit ghall-entratura tal-Kunsill sakemm isir dawn ix-xoghlijiet. Is-Sindku s-Sur John Boxall ippropona l-orhos offerta dik tas-Sur Robert Bonnici ghall-prezz ta' €1240. Il-Kunsill appova unanimament.

2.2 Is-Sindku s-Sur John Boxall ressaq korripondenza minghand is-Sur Paul Pace rigward skema tal-progett LEAP imexxi mill-Ministeru ghll-Familja u Solidarjeta Socjali. Is-Sindku s-Sur John Boxall stieden lill-Kunsillier is-Sur Lawrence Attard sabiex jispjega din l-iskema. Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Attard fetah id-diskussjoni billi qal li din l-iskema il-Kunsill jista jibbenefika sa €300 fix-xahar ghal kull haddiem li jkun qed jirregistra u li jippartecipa f'din l-iskema, filwaqt li l-haddiema jibdew jahdmu 40 siegha fil-gimgha. Il-Kunsill qabel li ghandu japplika ghal din l-iskema kif ukoll jipproponi li l-haddiema li hemm issa assenjati mal-Kunsill mill-ETC japplikaw ukoll taht din l-iskema. Il-Kunsill qabel unanimament ukoll li dawk il-haddiema tal-ETC li ser jintaghzlu ghall-din l-iskema ghandhom jigu maghzula wkoll mis-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

2.3 Il-Sindku s-Sur John Boxall ressaq pjanta proposta mill-Perit ghall-progett tad-Day Centre ghall-Anzjani fil-Youth Centre. Wara diskussjoni, il-Kunsill approva unanimament il-pjanta proposta mill-Perit tal-Kunsill is-Sur Mark John Scicluna.

2.4 Is-Sindku s-Sur John Boxall ressaq proposta minghand is-Sur Ray Vella li ghandu t-tender tad-dawl sabiex juza zewgt ikmamar minn Couvre Porte bhala ufficini. Is-somma li lest li jaghti bhala donazzjoni hija ta' €300 fix-xahar ghall-sena. Il-Kunsillier is-Sur Anton Gellel ippropona li tintalab biex tigi negozzjabbli lis-Sur Ray Vella is-somma ta' €400. Wara diskussjoni, il-Kunsill approva li jaghti dawn iz-zewgt t'ikmamar bid-donazzjoni imsemmija.

2.5 Is-Sindku is-Sur John Boxall informa lill-kunsilliera li harget is-sejha ghall-skrivan fuq bazi part-time interna u taghlaq fis-26 ta' Gunju 2014.

2.6 Is-Sindku s-Sur John Boxall ressaq korrispondenza dwar il-progett Erasmus+Sports fejn informa lill-Kunsill li dan il-progett huwa amministrat mis-Sur Mark Causon u li l-Kunsill wera l-interess li jippartecipa fih.

2.7 Is-Sindku s-Sur John Boxall ressaq korrispondenza minghand il-Malta Film Commission dwar Malta Film Fund 2014. Is-Sindku s-Sur John Boxall talab lill-kunsillier is-Sur Alan Cassar jispjega dwar dan. Il-Kunsill Alan Cassar spjega li biex dan il-progett ikun iffinanzjat, il-prodott irid ikun iffinalizzat u pprezentat. Ghaldaqstant il-Kunsill qabel li f'dan l-istadju dan ma jistax isir u ghalhekk il-Kunsill ma setax japplika.

2.8 Is-Sindku s-Sur John Boxall ressaq korripondenza minghand il-perit Hermann Bonnici dwar ix-xoghlijiet li qed isiru fit-toroq fiz-zona tal-Collacchio. Is-Sindku s-Sur John Boxall ippropona li jibdew jinghalqu dawk it-toroq li huma lesti u ma jibqax ikun hemm access ghall-vetturi sabiex dawn ikunu salvagwardjati mill-problemi li jistghu jinqalghu minhabba fihom. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.9 Is-Sindku s-Sur John Boxall ressaq korrispondenza minghand il-Federazzjoni tar-Regatta dwar talba ta' xiri ta' trophies li tammonta €116 bhala sponsor ghar-Regatta tal-*Youths* li l-istess Federazzjoni ser torganizza. Il-Kunsill qabel unanimament li f'dan l-istadju il-Kunsill m'ghandux jixtri dawn it-trophies sakemm ikollu konferma li d-distretti l-ohra qeghdin jghinu ukoll finanzjarjament sabiex jinxtraw dawn it-trophies.

2.10 Is-Sindku s-Sur John Boxall informa lil Kunsill dwar ittra li nbaghtet lil Onorevoli Stefan Buontempo dwar ghajnuna finanzjarja sabiex isir il-progett tal-Bandli.

<u>3. Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji</u>

3.1 Is-Sindku s-Sur John Boxall ressaq ghall-Approvazzjoni tal-Kunsill l-iskeda ta' Pagamenti datata mit-30 ta' Mejju 2014 sa 24 ta' Gunju 2014. Il-Kunsill approva b'mod unanimu l-iskeda ta' Pagamenti.

4. <u>Informazzjoni dwar il-Konferenzi u l-progetti tal-Unjoni Ewropeja li l-Kunsill attenda ghalihom f'dawn l-ahhar gimghat.</u>

4.1 Is-Sindku s-Sur John Boxall stieden lis-Sur Lawrence Attard sabiex jitkellem dwar il-Konferenza '*Network of Twinned Towns in Sicily*' li attenda f'Nizza, Sqallija.
4.2 Is-Sur Lawrence Attard spjega li meta kien hemmhekk saru l- kuntatti necessarji u l-lokalita tal-Birgu kompliet tespandi l-kredibilita taghha ma pajjizi ohra.
4.3 Is-Sindku s-Sur John informa li l-Kunsill li hu kien ser jattendi l-Konferenza tar-Rete li ser issir l-ghada ta' din il-Laqgha.

4.4 Rigward il-Gemellagg mal-belt Taljana ta' Amalfi, is-Sindku is-Sur John Boxall spjega li qed isir ix-xoghol sabiex naraw min ser jaghmel parti mid-delegazzjoni u jinqatghu il-biljettighal dawk li ser ikunu jaghmlu parti mid-delegazzjonili sejra Amalfi bejn it-30 ta' Awwissu 2014 u it-3 ta' Settembru 2014.

5. Taghrif dwar l-installazzjoni tal-platform lift mal-Knisja ta' San Lawrenz

5.1 Is-Sindku s-Sur John Boxall informa lill-Kunsill li l-inawgurazzjoni tal-Platform lift biswit il-Knisja ta' San Lawrenz ser issir nhar l-4 ta' Awwissu 2014 filghodu.

6. Il-progett ta' 'Immodernizzar tal-Klabb tar-Regatta'

6.1 Is-Sindku s-Sur John Boxall informa lill-Kunsill li qed jistenna l-pjanti min-naha tal-Public Works sabiex isir dan il-progett. Is-Sindku spjega li l-Kunsill ser ikun involut direttament f'dan il-progett billi ser ihallas l-ispejjez sabiex tinfetah l-applikazzjoni mal-MEPA. Is-Sindku s-Sur John Boxall sostna li it-talba ghall-ghajnuna finanzjarja mill-Kunsill Malti ghall-isports ghandha issir min-naha tal-Kunsill fejn finalment dan il-progett ser ikun jaghjat lil Kunsill Lokali Birgu.

7. Taghrif dwar il-Kwistjoni relatata mal-garaxx tal-Kunsill

7.1 Is-Sindku s-Sur John Boxall informa lill-Kunsill li l-process miexi u qed jikkoordina kollox il-perit tal-Kunsill.

8. It-Trasferiment tal-Ufficcju tas-Segretarju Ezekuttiv u l-Berga tal-Gvern

8.1 Is-Sindku s-Sur John Boxall fetah id-diskussjoni dwar it-trasferiment tal-Berga tal-Gvern fil-Berga tal-Ingilterra. Dan minhabba l-fatt li l-Berga tal-Ingilterra mhijiex ser tittiehed mill-Ambaxxata Amerikana u ghaldaqstant ser tibqa fir-responsabilita tal-Kunsill u l-Kunsill jista jaghmel uzu minnha.

8.2 Is-Sindku s-Sur John Boxall informa lil Kunsill li ser jikteb ittra lir-Rotary Club La Vallette - Malta fejn gha-nom tal-Kunsill ser jaghmel talba ghall-ghajnuna finanzjarja sabiex isir platform lift fit-tarag tal-Librerija.

8.3 Is-Sindku s-Sur John Boxall spjega li l-Ufficcju tas-Segretarju Ezekuttiv ser jinzel isfel fejn illum hemm mil-Berga tal-Gvern. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

9. Taghrif dwar ix-xoghlijiet ta' restorazzjoni ta' Triq Desain u Triq il-Kardinal

9.1 Is-Sindku s-Sur John Boxall informa lill-Kunsill li Triq Desain u Triq il-Kardinal ser isiru din is-sena bit-tarmac u dan ix-xoghol ser isir bl-ghajnuna tal-Ministeru ghat-Trasport u l-Infrastruttura.

10. Birgufest 2014

10.1 Is-Sindku s-Sur John Boxall fetah id-diskussjoni billi informa lill-Kunsill li hemm bzonn li jibdew il-preparament ghal din l-attivita u l-Kunsill ghandu jiddeciedi fejn ser issir minhabba x-xoghlijiet li ser ikunu ghaddejjin specjalment fi Triq Hilda Tabone.

10.2 Is-Sindku s-Sur John Boxall ippropona li l-attivita tal-Birgufest 2014 issir xorta wahda u jinghalqu t-toroq li fihom ikunu qed isiru x-xoghlijiet. Dwar dan il-Kunsill approva unanimament.

11. Hwejjeg Ohra

11.1 Il-Kunsillier Lawrence Attard staqsa dwar il-poggaman li hemm biswit St Angelo Mansions in-naha ta' Fally Porte (it-Toqba).Is-Sindku is-Sur John Boxall wiegeb li dan il-puggaman huwa responsabilita tal-Consortium u mhux tal-Kunsill.

Il-laqgħa spiccat fis-7.30 ta' filghaxija.

Fiona Said
Segretarju Ezekuttiv

John Boxall
Sindku